



Brussell, 5 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8761/26

LIMITE

CORLX 409  
CFSP/PESC 609  
RELEX 579  
COAFR 110  
COARM 64  
CONUN 63

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett:           REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 747/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...**

**ta' ...**

**li jimplimenta l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 747/2014  
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 747/2014 tal-10 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 131/2004 u (KE) Nru 1184/2005<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 203, 11.7.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/747/oj>.

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 747/2014.
- (2) Fit-28 ta' April 2026, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) stabbilit skont ir-Risoluzzjoni tal-KSNU 1591(2005) żied erba' persuni mal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi. Jenħtieġ li jiżdedu tliet persuni mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbilita fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 747/2014.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 747/2014 jenħtieġ li għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 747/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*